# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVIL

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Marzu, 2002.**

**Kawza Numru: 13**

**Citaz. Nru. 1242/00GV**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Muscat Jane**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess li skond id-dokument relattiv hawn anness u mmarkat Dok. A, kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (awtrici ta' Maltacom p.l.c.), il-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm7,499.07 (sebat elef, erba' mija u disa' u disghin liri Maltin u seba' centezmi) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghall-linja bin-numru 809695 (tmienja, xejn, disa, sitta, disa, hamsa), skond l-istatement hawn anness u mmarkat Dokument B;

Premess li l-konvenuta nterpellata biex thallas baqghet inadempjenti;

Premess li dan id-dejn huwa cert, likwidu u ezigibbli;

Is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti biex:

1 tiddecidi l-kawza skond it-talba tas-socjeta' attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza *a tenur* tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2 tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm7,549.07 (sebat elef, hames mija u disa' u erbghin liri Maltin u seba' centezmi)

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Marzu, 1998 u bl-imghaxijiet legali dekorribli mit-3 ta' Awissu, 1998, kontra l-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illii c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tal-P.L. Noel Scerri

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti it-talba kif dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**